MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Numru. 89/2007

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs.**

**Duncan Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Duncan Scerri, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 544075M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fid-29 t'April, 2006 u tliet xhur qabel, gewwa Bugibba u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti,

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga Herojina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dawr il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li ma humiex kontestati bejn il-partijiet huma s-segwenti:

1. Il-Pulizija kienu qed jaghmlu xoghol ta' sorveljanza fuq ir-residenza tal-imputat. Hin minnhom raw javvicina persuna ohra fit-triq, u l-Pulizija marru fuqhom u ghamlu tfittxija fuq il-persuna taghhom, u saret tfittxija fir-residenza tal-imputat.
2. Fuq il-persuna tal-imputat sabu tlett qratas, bi droga allegatament Herojina fihom.
3. Fil-kcina tar-residenza tal-imputat instabet is-somma ta' LM350 fi flus kontanti, diversi bicciet ta' foil mahruq kif ukoll anke foil maghmul forma ta' pipa bi tracci ta' droga Herojina fuqhom, exercise book, notebook kif ukoll diversi aluminium foil iehor gdid.
4. Fil-kamra tas-sodda tal-imputat instabu zewg pari mqassijiet, mizien elettroniku, diversi boroz tal-plastic godda, diversi aluminium foil iehor mahruq fid-dustbin, borza tal-plastic zghira b'diversi tracci tad-droga Herojina, zewg sachets tal-karti bi tracci tal-Herojina wkoll. Zewg boroz tal-plastic ohra izghar bi droga allegatament Herojina.
5. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat xehed li l-ahhar li hadem kien erba' xhur qabel gie arrestat u kien jghix bir-relief ta' Lm25.75 fil-gimgha.
6. Il-flat li fih kien jghix kien jikrieh LM100 fix-xahar.
7. Huwa ammetta li l-qratas li nstabu fuqu kien fihom l-Herojina u li l-affarijiet li nstabu fil-flat tieghu kienu kollha tieghu.
8. L-imputat ammetta li kien jabbuza mid-droga herojina billi jahraqha fuq il-foil u li kien juza bejn wiehed u iehor gramma u nofs kuljum. Kien ihallas LM23.00 kuljum biex izomm il-habit tieghu u kien jahraq hames darbiet kuljum. Kien ilu jaghmel hekk ghal dawn l-ahhar tlett xhur.
9. L-imputat ammetta wkoll li huwa jaghmel is-sachets bid-droga, u li dawk li nstabu kien ghamilhom kollha hu, pero mistoqsi ghalfejn ghamilhom ghazel li ma jwegibx.
10. Dwar is-somma flus ta' Lm325.00 li nstabet fid-dar tieghu, huwa qal li dawn huma flus tieghu u mhux gejjin mid-droga, pero ma ta l-ebda spjegazzjoni dwar il-provenjenza ta' dawn il-flus.
11. L-Espert Spizjar Mario Mifsud ikkonkluda hekk:[1]

*" a) Li ma kienx hemm mechanical fit fejn il-faccati tal-pitazzi li kien hemm fid-dokumenti 012/09/03 u 012/09/04 rispettivament u l-karti tal-qratas li kien hemm fid-dokumenti 012/09/07 u 012/09/08 rispettivament;*

[1] Ara relazzjoni tal-Espert Spizjar Mario Mifsud ezebita bhala Dok MM a fol. 25 tal-process.

b) *li ma kienx hemm mechanical fit bejn ir-roll tal-foil li kien hemm fid-dokument 012/09/03 u l-bicciet tal-foil li kien hemm fid-dokument 012/09/05 u 012/09/06 rispettivament;*

c) *Li ma nstabux sustanzi illegali fuq iz-zewg imqassijiet li kien hemm fid-dokument 012/09/04, is seba' bicciet ta' foil li kien hemm fid-dokument 012/09/05, is-sitt bicciet ta' foil li kien hemm fid-dokument 012/09/06 u l-kaxxa tal-metall li kien hemm fid-dokument 012/09/08;*

d) *Li nstabu tracci tas-sustanza Herojina fuq bicca foil li kien hemm fid-dokument 012/09/05 u l-paint knife, gol-borza zghira tal-plastik, u fuq iz-zewg bicciet karti rettangulari li kien hemm fid-dokument 012/09/08;*

e) *Li fit-trab ta' lewn kannella li kien hemm fi tlett qratas tal-karti fid-dokument 012/09/07 u t-trab kannella li kien hemm f'borza tal-plastik u f'zewg qratas tal-karti li kien hemm fid-dokument 012/09/08 u fit-trab ta' lewn kaffelatte li kien hemm fid-dokument 012/09/08, li l-piz nett taghhom kien ta' 37.05 grammi, instabet fihom is-sustanza Herojina. Il-medja tal-purita tat-trab li kien hemm f'dawn id-dokumenti ghas-sustanza Herojina kienet ta' cirka 41.7%. Is-sustanza Herojina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Dak li qed jigi kontestat – u allura irid jigi deciz minn din il-Qorti – huwa jekk is-seba' u tletin gramma eroina li nstabu fil-pussess tal-imputat kienux ghal uzu tieghu personali tieghu - kif qed jallega huwa - jew jekk ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu – kif qed tallega l-Prosekuzzjoni.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Marius Mallia**, deciza fit-12 ta' Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[2] irriteniet hekk:

*"Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia, cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim.* ***Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio*** *[26.8.2998]. Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara App. Kriminali* ***Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri*** *[2.9.1999]*

[2] *Per* Imhallef J. Galea Debono.

*Illi pero kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant ... ... (App. Krim.* ***Il-Pulizija vs. Brian Caruana*** **[23.5.2002])**

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Jason Mallia**, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[3] spjegat illi: *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni* <u>*mhix mehtiega*</u> *ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrkjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati." Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga* <u>*li mhix bi hsiebha tuza*</u>*, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

In oltre fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, deciza fit-18 t'Awwissu 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[4] irriteniet illi: *"Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li indizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun*

[3] *Per* Imhallef V. De Gaetano.
[4] *Per* Imhallef J. Galea Debono.

*jispetta lill-imputat imqar fuq bazi ta' probabbilita', li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*[5]

Issa fil-kaz odjern, l-ammont ta' 37 grammi droga, li nstab imqassam f'borza u numru ta' qratas, m'huwiex ammont li wiehed normalment jassocja ma' uzu personali. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat jghid li kien *heavy user* u kien jikkonsma gramma u nofs jew zewg grammi kuljum u *"gietni opportunita",* minghajr ma ta dettalji ta' din *"l-opportunita".*

Pero, fir-rigward ta' xhieda li ta l-imputat biex jiggustifika dan l-ammont ta' droga fil-pussess taghhom, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. Fl-ewwel lok, fl-istqarrija tieghu li l-imputat ta a tempo vergine huwa qal li jikkonsma *"bejn wiehed u iehor gramma u nofs kuljum."* Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti huwa jghid li kien jikkonsma *"gramma u nofs jew zewg grammi kuljum."* Pero iktar tard fl-istess xhieda huwa jghid hekk *"Jiena kelli habit ta' 1.5 jew 2 grams, ma nafx kemm kelli ezatt."*[6] In vista tal-fatt li kif diga inghad l-istqarrija inghatat *a tempo vergine* u giet konfermata fix-xhieda tal-imputat quddiem din il-Qorti, fil-waqt li l-imputat xehed sitt (6) snin wara l-akkadut, din il-Qorti hija tal-opinjoni li dak li qal l-imputat fl-istqarrija huwa aktar attendibbli u ghalhekk se tikkunsidra li l-imputat kien jikkonsma medja ta' 1.5 gramma kuljum. Dan ifisser li l-imputat kellu fil-pussess tieghu droga bizzejjed biex isservih tal-inqas 24 gurnata (37g divizi bi 1.5g). Fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma hux verosimili li heavy drug addict – kif pinga lilu nnifsu l-imputat – kien se jixtri ammont ta' droga daqshekk sostanzjali ghall-uzu tieghu personali bil-quddiem. Dan izjed u izjed meta wiehed jikkonsidra l-mezzi finanzjarji tal-imputat, kif se jigi spjegat iktar l-isfel.

2. Huwa vera li l-mizien elettroniku li nstab fil-pussess tal-imputat ma kienx jahdem. Apparti mix-xhieda tal-imputat, dan jirrizulta wkoll mir-relazzjoni tal-Espert Spizjar Mario Mifsud. Pero fl-istqarrija tieghu, li kif diga inghad giet konfermata bil-gurament mill-imputat quddiem din il-Qorti, l-imputat qal li l-qratas ghamilhom kollha hu. Pero meta mistoqsi ghalfejn ghamel dawn il-qratas, l-imputat ghazel li ma jwiegibx. Mir-relazzjoni tal-Espert Spizjar Mario Mifsud jirrizulta li l-qratas

[5] L-Artikolu 26(1) tal-Kapitolu 101 jippreskrivi illi: *"F'kull proċediment kontra persuna għal reat kontra din l-Ordinanza, ma jkunx jinħtieġ li ssir il-prova tan-nuqqas ta' liċenza, awtorizzazzjoni jew materja oħra ta' eċċezzjoni jew difiża, u l-obbligu li jipprova li hemm din il-liċenza, awtorizzazzjoni jew materja ta' eċċezzjoni jew difiża jmiss lill-persuna li tkun trid tinqeda biha."*

[6] Ara xhieda tal-imputat a fol. 46 tal-process.

kellhom is-segwenti pizijiet – 0.12g, 0.14g, 0.15g, 0.19g u 0.19g. Imbaghad kien hemm tlett boroz tal-plastic b'dawn il-pizijiet 29.64g, 2.63g u 3.99g. Issa huwa notorju f'dan il-qasam li doza tipika ta' herojina hija ta' 0.2 grammi. Jekk din id-droga kienet kollha ghall-uzu personal tal-imputat, kif qed jissottometti hu, ma hemm l-ebda spjegazzjoni plawsibbli ghalfejn l-imputat kellu jaghmel dawn il-qratas, hlief forsi biex jiehu xi qartas meta johrog – pero l-imputat kellu hamest (5) iqratas. Inoltre, ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika ghal x'uzu kien se jaghmel l-imputat minn diversi boroz tal-plastic godda li nstabu fil-kamra tas-sodda tieghu.

3. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li kien ilu erba' xhur ma jahdem, u kien jghix bir-relief ta' Lm25.75 fil-gimgha. Huwa jghid ukoll li kien ihallas Lm23.00 kuljum biex imantni l-vizzju tieghu. Dan ifisser li l-imputat kien ihallas Lm161 fil-gimgha ghad-droga. Huwa kien qieghed ihallas ukoll Lm100 kera fix-xahar ghal flat fejn kien qieghed jabita. Ghalhekk wiehed bil-fors isaqsi minn fejn l-imputat kien qieghed igib il-flus biex imantni l-vizzju tieghu, u iktar u iktar minn fejn gab il-flus biex ihallas ammont ta' droga li jservih 24 gurnata – is-37 grammi li nstabu fil-pussess tieghu.

4. Inoltre, fir-residenza tal-imputat instab l-ammont ta' LM325.00. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid *"Dawk kollha huma flus tieghi u mhux mid-droga".* Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat ta din l-ispjegazzjoni *"Il-flus li kelli kont ghadni kif nimmovja mid-dar ta' ommi ghal San Pawl il-Bahar, kont ilni just 3 weeks hemmhekk. Il-flus li kelli kienet taghtomli biex inhallas il-kera u hekk. Kull ma kont ilni gol-flat f'San Pawl il-Bahar jiena 3 gimghat. Ghax qabel kont noqghod in-Naxxar ghand il-mama tieghi."* Il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet fuq din l-ispjegazzjoni. Fl-ewwel lok, jekk il-kera kienet ta' LM100 fix-xahar kif l-imputat qal fl-istqarrija tieghu u kien ghadu fl-ewwel xahar tal-kirja, il-Qorti ma tistax tifhem kif omm l-imputat tatu iktar minn tlett darbiet l-ammont ta' kera li kellu jhallas. Fit-tieni lok, fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li kien jghix bir-relief ta' Lm25.75 fil-gimgha, jigifieri Lm103 fix-xahar. F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma tistghax tifhem kif l-imputat ghazel li jikri post ghal LM100 fix-xahar – prattikament ekwivalenti ghall-introjtu kollu tieghu fix-xahar - u dan minghajr ma wiehed iqis il-LM23.00 fil-gimgha li l-imputat kien jonfoq fid-droga, kif ammetta fl-istqarrija tieghu. L-imputat ma ta l-ebda raguni ghalfejn ma baqax joqghod ma ommu – kif wiehed kien jippretendi fic-cirkostanzi, halli ma jzidx l-ispejjez - u jidher li r-relazzjonijiet ta' bejniethom kienu tajbin, ladarba skont l-imputat kienet hi li tatu is-somma ta' Lm325.00. Fl-opinjoni tal-Qorti, l-ispjegazzjoni li ta l-imputat ghaliex kellu fil-pussess tieghu dawn il-flus mhix kredibbli. Kif inhuwa risaput, *a heavy addict* normali, kif pinga lilhu nnifsu l-imputat, lanqas ikollu flus biex jixtri d-droga – fil-fatt normalment jispicca jirrikorri ghas-serq – u dak il-ftit li jkollu juzah biex jixtri pakkett jew tnejn.

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-imputat ma rnexxielux jipprova sal-grad tal-probabbli li d-droga li nstabet mill-pulizija kienet ghal uzu esklussiv tieghu. Inoltre, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, hemm provi u cirkostanzi bizzejjed biex iwassluha ghal konvinciment morali rikjest fil-kamp penali, li din id-droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputat, u ghalhekk l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat giet debitament ippruvata.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Il-fedina penali tal-imputat ghandha hames (5) kundanni, tlett kundanni ta’ pussess semplici ta’ herojina, u wahda minnhom ta’ pussess semplici wkoll tad-drogi kokajina, ecstacy u raza tal-cannabis.

L-ammont ta’ droga herojina li nstabet fil-pussess tal-imputat - u cioe 37 gramma herojina - hija certament wahda konsiderevoli. Kif inghad aktar il-fuq, huwa notorju li doza tipika ta’ herojina hija 0.2gramma u ghalhekk minn 37 grammi johorgu medja ta’ 185 dozi tipici.

Fil-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Gunju 2012,[7] l-Ufficcjal Prosekutur iddikjara *“li l-Ispettur Dennis Theuma kien infurmah li l-imputat kien kkollabora mal-pulizija u li ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap.101 b’zewg gradi.”* Ghalhekk il-Qorti se tnaqqas il-piena karcerarja tal-imputat b’zewg gradi u l-piena pekunjarja bin-nofs.

Kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta’ Ottubru 2009 *“... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista’ jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f’dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta’ spaccar ta’ droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta.”*

---

[7] Ara fol. 36 tal-process.

Fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Pulizija v. Mark Mifsud** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat hekk: *"Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali."* F'dan il-kaz, ma jirrizultax, li l-imputat ghamel xi programm residenzjali, fil-mori ta' dawn il-proceduri.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih, u tikkundannah ghal piena ta' erba' (4) snin prigunerija effettivi u multa ta' tlett elef Euro (€3,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi

dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta’ sitt mija u ghaxar Euro u ghoxrin centezmu (€610.20), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-flus ezebiti favur il-Gvern ta’ Malta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------